MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 262/2013

Il-Pulizija
(Sp Kylie Borg)
vs
Stephen Abdilla, iben Thomas, imwieled Pieta’ fil-31 ta’ Ottubru, 1970, karta ta’ l-identita’ numru 457270(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, ġewwa l-Floriana, fid-19 ta’ Marzu, 2013 għal ħabta tas-siegħa neqsin għaxar ta’ wara nofs in-nhar:
1. ikkometta serq ta’ handbag, nuċċali, mobile phone, flus kontanti, credit cards, ċwievet u dokumenti minn fuq il-persuna ta’ Giuseppina Agius (persuna ta’ iktar minn sittin sena), liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza numerika u bil-valur;

2. ikkometta feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Giuseppina Agius (persuna ta’ iktar minn sittin sena), kif iċċertifika Dr. Kenneth Vassallo M.D.;
3. talli naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanziji;
4. irrenda ruħu reċidiv b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Marzu, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(ċ), 262(1)(b), 267, 276A, 277(a), 221(1), 222A u 579 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Rat l-ammissjoni bikrija. Tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva ta’ Corradino biex isiru aċċertamenti fuq il-persuna ta’ Stephen Abdilla għal verifika ta’ l-istat mentali tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------